KUNSILL LOKALI **SAN PAWL IL-BAĦAR** LOCAL COUNCIL
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt Tel: 21585888 - 1 / 2 / 3 / 4

---

9 Leġiżlatura

Minuti Numru 52

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar

Lill-membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għall-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 52 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tlieta 23 ta'Awwissu 2022, fil-5:30pm. Din il-laqgħa tista tiġi segwita permezz ta' metodu onlajn skont l-Artiklu 1 ta'Direttiva 7/2020 u Artiklu 2.3 ta' Ċirkolari 9/2020 maħruġa mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fil-15 ta' Diċembru 2020.

Din il-laqgħa ser tixxandar live fuq l-internet u hi miftuħa għall-pubbliku.

Marico Sammut — 16 ta'Awwissu, 2022
Segretarju Ezekuttiv

---

Membri Preżenti:

- Alfred Grima — Sindku
- Carlos Zarb — Viċi Sindku
- Daryl Connor — Kunsillier
- Mario Joseph Salerno — Kunsillier
- Alfred Bray — Kunsillier
- Anthony Delia — Kunsillier
- Antoinette Bezzina — Kunsillier
- Christopher Vella Petroni — Kunsillier
- Anthony Angelo Attard — Kunsillier
- Mary Borg — Kunsillier

Online

- Paul Bugeja — Kunsillier
- Anne Marie Fenech — Kunsillier
- Stephen Cremona — Kunsillier

Il-laqgħa nfetħet mis-Sindku Alfred Grima fil-17.30.

## 52.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija

Il-kunsill ma rċieva l-ebda notifika ta'apoloġija.

## 52.2 Kunsiderazzjoni ta' minuti laqgħa (50, 51)

Il-minuti 50 intbagħtu qabel u għalhekk ġew meħuda bħala moqrija
Is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni għal approvazzjoni tal-minuti 50.
Il-Kunsillier Anthony Delia ssekonda l-mozzjoni.
Il-Kunsill approva l-minuti tal-laqgħa 50 hekk kif tressqu

Il-minuti 51 intbagħtu qabel u għalhekk ġew meħuda bħala moqrija
Is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni għal approvazzjoni tal-minuti 51.
Il-Kunsillier Alfred Bray issekonda l-mozzjoni.
Il-Kunsill approva l-minuti tal-laqgħa 51 hekk kif tressqu

## 52.3 Punti mill-Minuti

***Devoluzzjoni ta' bozoz tat-toroq***

Is-Sindku ppreżenta kopja ta' ftehim bejn l-AKL u l-Enemalta dwar il-bozoz tat-toroq. Informa li għal mistoqsija tas-Seg. Eżekuttiv tar-Reġjun Tramuntana, dwar jekk jistax jibda l-proċess tal-ħruġ tat-tender għall-manutenzjoni tal-bozoz eżestenti fid-dawl li l-Kunsilli Lokali tat-Tramuntana ma jixtiequx jużaw is-servizz ta' l-Enemalta għall-manutenzjoni, id-Direttur Ġenerali tal-Kunsilli Lokali nforma, li fid-dawl tal-ftehim iffirmat mhux possibbli li tinħareġ sejħa pubblika mill-kunsilli/reġjuni.

Dwar ir-risposta tad-DLG li mhux possibbli li tinħareġ sejħa pubblika mill-kunsilli/reġjuni ntqal, li r-risposta ma treġix fid-dawl tal-fatt li l-kunsilli/reġjuni ma taw l-ebda approvazzjoni minn naħa tagħhom.

***World clean up day 2022 - Cirkolari SPI/SCI/07/2022***

Il-Kunsill ġie nfurmat li l-attivitajiet marbuta mal-World Clean Up Day se jsiru fix-Xemxija, San Pawl u l-Qawra nhar is-17 ta' Settembru 2022.

***Parkeġġ skola primarja Qawra***

Is-Sindku Alfred Grima nforma li fit-23 ta' Awwissu 2022, hu bagħat reminder ieħor lill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Riċerka dwar il-fatt li l-kunsill għadu jistenna risposta dwar dak propost mill-kunsill.

***Ingaġġ ta' skrivani skala 15***

Persuna waħda minn 3 laqgħet l-istedina tal-kunsill biex jiġi mpjegat bħala skrivan fi skala 3 skond dak deċiż fil-laqgħa 51. Għaldaqstant, inħarġet sejħa mill-ġdid.

Ġie rrimarkat, li l-fatt li mhux jinstabu skrivani fi skala 15 biżżejjed anke meta nħarġu diversi sejħiet pubbliċi, kif ukoll għal fatt li bosta mix-xogħolijiet meħtieġa tal-kunsill huma relatati ma telefonati u customer care, jagħmel sens aktar, li jiġu mpjegati aktar persuni fi grad 16.

Il-Kunsillier Paul Bugeja ressaq mozzjoni biex il-kunsill jimpjega numru ta' Council Assistants fi skala 16. Il-mozzjoni ġiet issekondata mis-Sindku Alfred Grima

Il-mozzjoni ġiet approvata nem.con.

## 52.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

***Bugibba – Stima tindif ta' art mis-CMD***

Is-Sindku nforma, li wara li nġibgħet stiema għat-tindif ta' l-art fi triq il-Qalb ta' Ġesu bl-intenzjoni li tintuża bħala parkeġġ pubbliku, s-sidien infurmaw li qedin f'akkordju biex l-art inkwistjoni tinbena.

***The Pink October Movember ' 22 Campaign***

Il-Kunsill qabel li jipparteċiepa f'The Pink October Movember ' 22 Campaign.

***Tiġdid ta' kirja – Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill***

F'laqgħa li nżammet fis-26 ta' Lulju 2022 bejn sid l-uffiċini tal-kunsill Joseph Muscat, is-Sindku Alfred Grima u s-Segretarju Eżekuttiv Marico Sammut, ġie maqbul li sena qabel tmiem il-kirja l-partijiet jiltaqaw u jiddiskuti ftehim ġdid. Dan għax skond is-sid għadu ferm kmieni biex jintrabat.

Kien hemm qbil unanimu, li biex jiġu ssalvagwardjati l-interessi tal-kunsill għanda tinħareġ sejħa pubblika għax-xiri/kiri ta' sit/propjeta' biex tintuża bħala uffiċċju tal-kunsill skond deċiżjoni meħuda preċidenti mill-istess kunsill.

***Bini ta' Ċentru Ċiviku fi Triq San Ġorġ***

Bħala punt ta' informazzjoni, il-kunsill ġie nfurmat illi, fil-laqgħa 11 item 11.7.2 tar-Reġjun Tramuntana li nżammet nhar l-4 ta' Awwissu 2022, ġiet approvata l-mozzjoni segwenti;

*Alfred Grima ressaq mozzjoni li tipproponi, li r-Reġjun Tramuntana mill-ġdid jikkonferma d-deċiżjoni preċidenti, li jibda jfittex biex jinvesti f'uffiċini tiegħu minflok jikri. Għaldaqstant, fl-eventwalita' li l-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar jakkwista l-art fi Triq San Ġorġ mingħand l-Awtorita' ta' l-Artijiet, ir-Reġjun jimxi fis-sit imsemmi. Il-mozzjoni ġiet issekondata minn Paul Vella.*

Is-Sindku ċċara, li din l-approvazzjoni tista' titwaqqa b'riżoluzzjoni oħra u għalhekk filwaqt li ssaħħaħ l-argument tal-kunsill biex tiġi akkwistata l-art inkwistjoni, ma torbot bl-ebda mod lir-Reġjun Tramuntana.

***Festa ta' San Publju f'Bugibba***

L-Assoċjazzjoni Publiju ta' Malta, kitbet biex tara jekk hemmx possibiltà li l-kunsill jgħin finanzjarjament biex jorganiżżaw attivita' li b'statwa ta' San Publju tittieħed b'lanċa fuq il-Gżejjer ta' San Pawl u wara issir purċissjoni mill-moll sal-pjazza ta' Bugibba nhar l-10 jew 11 ta' Settembru 2022.

Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li ssir l-attivita' wara li jinġibu l-permessi neċessarji. Mill-banda l-oħra mhux possibbli li tingħata għajnuna finanzjarja għax

b'hekk ikun qed jinħoloq preċedent ma' talbiet ta' għaqdiet oħra li mhumiex tal-lokal.

### *Karnival tas-Sajf*

F'email datata 9 ta' Awwissu 2022, l-MTA ikkonfermat li laqgħet l-istedina tal-kunsill ta' San Pawl il-Baħar biex f'kolloborazzjoni magħha jigi organiżżat mill-ġdid il-Karnival ta' Buġibba. Fondi allokati mill-MTA għal din l-attivita' €7,000. Il-kunsill irringrazzja lill-Ministru Clayton Bartolo u lil MTA għall-koloborazzjoni tagħhom.

### *Ċirkolari Spi/Sci/08/2022 - Milied 2022*

B'referenza għal-approvazzjoni ta' Ċirkolari Spi/Sci/08/2022 - Milied 2022 fil-laqgħa numru 50, item 50.4, is-Sindku Alfred Grima ressaq rizoluzzjoni biex il-kunsill jiddikjara li huwa dispost li jiffinanzja l-bilanċ ta' l-ispiża u li jiġi ngaġġat Artistic Director sabiex imexxi l-programm tal-attivitajiet.
Il-Kunsillier Alfred Bray issekonda l-mozzjoni.
Il-mozzjoni ġiet approva nem.con.

### *Rikjesta biex parkeġġ pubbliku jiġi rriservat*

Il-Malta Public Transport bagħtet rikjesta biex il-parkeġġ pubbliku fi Triq Port Ruman jirriservawħ għal attivita' tagħhom nhar is-Sibt 3 ta' Settembru 2022.

Minħabba l-fatt, li fil-passat il-kunsill ma approvax rikjesti simili kif ukoll għaliex fiż-żona tal-madwar intilfu volumi mhux żgħir ta' parkeġġi kaġun ta' bini nfrastrutturali, il-kunsill ma sabx qbil dwar din ir-rikjesta u ghaldaqstant l-applikazzjoni ma ġietx approvata.

### *Art bejn l-iskola u n-Northern Health Hub fi Triq il-Port Ruman*

Il-membri tal-kunsill ġew ippreżentati bi proposta li tesplora l-possibiltajiet ta' kif jista' jiġi utilizżat l-ispazzju miftuħ bejn l-iskola Qawra u n-Northern Health Hub li mistenni jinbena fi Triq il-Port Ruman kantuniera ma Triq il-Maskli. Din il-pjanta ġiet imħejjija għal-kunsill mill-fondazzjoni għas-servizzi mediċi biex titressaq bħala proposta lil gvern.

### *Installazzjoni ta' Fixed Percussion Exhibits – Ġnien il-Millenju*

Xi residenti li joqgħodu fil-binja Porto Paolo ressqu lmenti dwar l-installazzjoni tal-fixed percussion exhibits. Ġie ċċarat, li l-apparat inkwistjoni huwa kopert mhux b'permess wieħed ta' l-ippjanar, imma saħansitra bi tnejn, DN/00980/20 datat 5 ta' Ottubbru 2020 u DN/00648/22 datat 21ta'Ġunju 2022. Dan sar għaliex deher li seta jiskadi ż-żmien ta' l-ewwel permess. Issema l-fatt, li sar ilment qabel biss kienu għadhom twaħħlu l-istrumenti u li ħaddiema tal-Kunsill li kienu qed isaqqu l-istess ġnien kienu suġġetti għall-kliem dispreġġjattiv minn xi resident fl-istess binja.

Bħala Kunsill, kien hemm qbil unanimu dwar il-post u t-twaħħil tal-percussion exhibits u li fuq rakomandazzjoni ta' l-istess residenti twaħħlet tabella li tindika sakemm wieħed jista juża l-apparat. Il-Kunsill ikkonkluda, li ma jagħmel l-ebda sens li xi ħaga tinqala minn post u tintefa f'post ieħor minħabba abbuż ta' xi ndividwu. Għaldaqstant, ġie deċiż li tinġibed l-attenzjoni tal-pulizija għal aktar sorveljanza ta' liġijiet f'dan il-ġnien kif ukoll dwar li jitħaffef il-proċess biex tiġi nstallata CCTV fl-inħawi.

## 52.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

Ma kien hemm l-ebda mistoqsija

## 52.6 Rapporti / jew Approvazzjonijiet ta' Rapporti

Ma kien hemm l-ebda' rapport x'jitressaq.

## 52.7 E-Scooters

Il-kunsill jaqbel mal-kunċett ta' l-E-Scooters kemm il-darba dan is-servizz jiġi regolariżżat bis-serjeta'. Biss, qed jiġu nnutati d-diversi nċidenti u l-ksur rampanti ta' liġijiet. Fost dawn hemm, l-użu tagħhom minn persuni taħt l-eta, sewqan perikoluż, nuqqas serju ta' osservazzjoni ta' liġi u pparkjar fuq bankini bl-addoċċ li qed tqiegħed f'perikolu serju saħħet in-nies b'mod speċjali dawk il-persuni nieqsa mid-dawl. Għaldaqstant, il-kunsill qabel li:

1. Jittieħed parir mingħand l-avukat tal-kunsill biex jiġi stabbilit jekk il-kunsill għandux dritt li b'rispett lejn is-saħħa u s-sigurta tal-persuna jiġbor E-Scooter mit-triq.

2. Jinħatar Bord ta' 3 persuni kompost mis-Sindku Alfred Grima bħala Chairperson, il-Viċi Sindku Carlos Zarb u l-Kunsillier Chris Vella Petroni biex wara li jiltaqaw ma l-awtoritajiet kompetenti joħorġu bi proposti.

## 52.8 Un/loading bays, Parkeggi riservati

Qed jiġi nnutat in-numru kbir ta' approvazzjonijiet minn Transport Malta (TM) ta'Un/loading bays u parkeggi riservati. Fejn f'anqas minn spazju ta' xhar TM ħarġet ċirka ta'18 il-approvazzjoni għall-parkeġġi riservati u bosta un/loading bays. Biex jinqata' kull dubju u sabiex id-dritt tal-persuni nvoluti jitħares, il-kunsill għandu jikteb lil Aġenzija Appogg u lis-CRPD biex jinvestigaw.

## 52.9 Drop in/drop off fi Triq San Pawl

Il-kunsill approva li ssir applikazzjoni għal drop in/off bil-ħin fl-ewwel parkeġġ fi Triq San Pawl faċċata tal-knisja parrokjali .

## 52.10 Laqgħa annwali

Il-kunsill approva li l-laqgħa annwali tinżamm fid-9 ta' Diċembru 2022 fil-17.30 hrs fl-uffiċini tal-kunsill. Kien hemm qbil ukoll li l-avviżż li jintbagħt bieb bieb jikkonsisti f'informazzjoni dwar l-attivitajiet tal-Milied u possibilment rendikont ta' ħidmet il-kunsill.

## 52.11 Affarijiet Oħra

### *52.11.1 Bye-Law Hamiem*

Fis-17 ta' Awwissu 2022 id-DLG informa lill-kunsill li ai termini tas-subartikolu 35 (3) tal-Att dwar Gvern Lokali (Kap.363), il-proposta tal-Bye-Laws qed tkun approvata bit-tneħħija għal kull referenza għal "tajr selvaġġ". Għaldaqstant il-kunsill hu mitlub li jiddiskuti din l-emenda f'laqgħa tal-

kunsill u jipproċedi skont is-subartikolu 35 (4) tal-imsemmi Att.

Il-kunsill qabel li għanda tintbagħt spjegazzjoni dwar li l-kliem "tajr selvaġġ" qed iservi minħabba li fiż-żona ta' l-Għażżenin hemm ħafna papri jiġu magħlufa l-ħobż u li dan qed jikkawża perikolu għal saħħithom.

***52.11.2 Tender-mural biex jinhareg skond il prijorita***

Il-kunsill qabel li jinħareġ tender għax-xiri ta' servizz u materja prima biex issir tpinġija (mural) mal-ħajt fi Triq Plajjet Bognor, skond il-prijorita' ta' xogħolijiet meħtieġa.

***52.11.3 Kuntratt bejn Bognor ASC u l-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar***

Il-kunsill approva l-iffirmar tal-ftehim li jaħseb biex jinżammu attivitajiet sportivi fil-pitch ta' l-għaqda Bognor ASC.

***52.11.4 Attivita' ghat-tfal 6 snin sa 16 il-sena***

Il-kunsill approva baġit massimu ta'€500 biex issir attivita' tal-baħar fil-Quattro Water Park nhar l-10 ta' Settembru 2022 bejn l-10.00 u l-11.00 hrs.

***52.11.5 Twaqqif ta' kumitat bejn il-hwienet u l-Kunsill.***

Is-Sindku nforma li ħuwa sta għall-kunsillier risponsabbli li jwaqqaf il-kumitat.

***52.11.6 Rikjesta għal installazzjoni ta' Beverage Container Refund Kiosk***

Il-kunsill iddiskuta l-korrispondenza mibgħuta fit-28 ta' Lulju 2022 mill-AKL re-installazzjoni ta' magni awtomatiċi għar-riċiklaġġ tal-flixken tal-plastik (RVMs) fil-lokalitajiet mill-Kumpanija . L-AKL fakkret lil CE Malta li inizjalment, il-kunsilli kienu ġew avvżati li ħlief għal xi eċċezzjonijiet mhux se jitwaħħlu magni awtomatiċi fil-lokalitajiet. Mill-istess korrispondenza jirriżulta, li saru applikazzjonijiet biex fil-konfini ta' San Pawl il-Baħar jiġu nstallati l-magni nkwissjoni.

Intqal, li l-kunsill huwa favur din il-proposta tant, li preċidentalment ġie approvat l-installazzjoni ta' kjosk b'magna simili fiħ viċin l-akkwarju. Il-kunsill qabel li jinstabu sa mhux aktar minn 3 siti madwar il-lokalita kollha.

***52.11.7 Bye-Law tal-Klieb***

Kien hemm qbil li l-istess Bord magħmul mis-Sindku Alfred Grima bħala Chairperson, il-Viċi Sindku Carlos Zarb u l-Kunsillier Chris Vella Petroni biex iressaq proposti dwar l-użu ta' l-E-scooter jiġi ukoll bi proposti biex possibilment tissaħħaħ il-Bye-Law tal-Klieb.

***52.12 Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta' oġġetti/serviżż***

Ma kien hemm xejn x'jiġi diskuss.

*52.13 Approvazzjoni ta' l-Iskeda tal-pagamenti*

Il-Viċi Sindku Carlos Zarb u l-Kunsillier Antoinette Bezzina pproponew u s-sekondaw l-iskeda tal-pagamenti. rispettivament

L-iskeda tal-pagamenti ġiet approvata kif tressqet nem.con.

*52.14 Aġġornament għall-laqgħa li jmiss*

Il-laqgħa ġiet fi tmiema fit-19.40 hrs u aġġornata għat-22 ta'Settembru 2022 fil-5.30pm.

**Approvati fit-22 ta' Settembru, 2022**

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Alfred Grima<br>Sindku | Marico Sammut<br>Segretarju Eżekuttiv |